MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 230/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Omissis**
**Emanuel Dimech**
**Vincenzo Dimech**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Lulju, 2007 kif ukoll fix-xhur ta' qabel meta d-diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenri, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda fil-fond bl-isem "Maxwell Garage", Naxxar Road, B'Kara, naqsu li jobdu l-ordni moghtija lilhom mill-Pulizija data 17 t'Ottubru, 2007 u 4 ta' Marzu, 2008 ta' liema ordni hawn annessa kopja formanti parti minn din ic-citazzjoni, biex innehu l-perikolu

w jsewwu hsara li hemm fl-imsemmi fond proprjeta' taghhom jew amministrat minnhom, u b'hekk huma m'obdewx l-ordni legittimi bi ksur tal-Art. 25 Kap. 10 tal-ligijiet tal-Pulizija w tal-Art. 338(ee) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(ee) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta w l-artikolu 25 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u ikkundannathom ammenda ta' sitta w hamsin Euro (€56) kull wiehed.
B'applikazzjoni tal-artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-appellanti sabiex sa zmien xahrejn jeffettwaw it-tiswijiet necessarji fis-saqaf in kwistjoni skond kif indikat mill-Perit Mario Cassar fir-rapport tieghu, liema xogholijiet ghandhom isiru taht is-supervizjoni tal-imsemmi Perit. Fin-nuqqas li jaghmlu dawn it-tiswijiet l-imsemmija appellanti jehlu penali ta' erba' Euro w sitta w sittin Euro centezmi (€4.66) kuljum sakemm isiru x-xogholijiet u jekk dawn jibqghu ma jsirux il-Qorti tordna li t-tiswijiet isiru mill-Pulizija a spejjes tal-appellanti misjubja hatja.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-appellanti sabiex fi zmien xahar ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal terz kull wiehed is-somma ta' mitjen, tnejn u disghin Euro u hamsin Euro centezmi (€292.50) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Dimech minnu pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassaraha, tirrevoka w tannulla w b'hekk tillibera lill-appellant mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Vincenzo Dimech minnu pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassaraha, tirrevoka w tannulla w b'hekk tillibera lill-appellant mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Emanuel Dimech fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant ma seta qatt jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w dana peress li l-appellant la huwa is-sid tal-fond “Maxwell Garage” u lanqas tal-fond sovrastanti dak in kwistjoni. L-appellant jahdem bhala sprayer fil-fond Maxwell Garage fejn jghin lil Vincenzo Dimech, li jigi missieru, fix-xoghol tieghu. Illi minn imkien ma tohrog illi l-imsemmi fond huwa propjeta’ tal-appellant u iktar u iktar li huwaamministrat minnu, mill-provi jirrizulta ili l-imsemmi fond huwa amministrat u proprjeta’ ta’ Vincenzo Dimech u mhux mill-appellant. Illi l-appellant ghaldaqstant ma seta qatt jinstab hati w l-Ewwel Qorti kellha bilfors tillibera lill-appellant mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Illi anqas ma kien il-kaz li l-Pulizija tohrog “intimation form” kontra l-appellant kif fil-fatt sehh ghaliex kien minn hemm li beda jsir il-hazin fil-konfront tal-appellant minn naha tal-Pulizija.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Vincenzo Dimech fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant ma seta qatt jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w dana peress illi kif jidher fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar f’pagna 4 tal-istess relazzjoni l-Perit ikkonkluda illi :
***“is-sid/l-inkwilin tal-fond Maxwell Garage ma’ ghandu l-ebda tort fil-hsarat, u qatt ma’ seta’ jikkaguna l-hsarat fis-saqaf tal-konkosmertu tal-kawza. Ghalhekk huwa evidenti illi galadarba l-hsara gejja mis-saqaf ta’ fuq il-garaxx, ir-responsabilita’ ta’ l-istess hija attribwita lill-inkwilin li jokkupa l-fond sovrastanti”***
Huwa ghalhekk ferm difficli li l-appellant jifhem kif l-Ewwel Qorti setghet issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Wiehed ukoll irid izid li l-parti fis-saqaf fejn hemm il-hsarat in kwistjoni tinsab ezatt taht il-parti fejn hemm is-shower, sink u t-toilet. Irid jinghad illi waqt l-access li sar fuq il-post il-Perit ikkonstata li hemm xi leakages mis-sistema tad-dranagg tax-shower, tas-sink u tat-toilet li hemm fil-fond sovrastanti dik tal-appellant u li fiha joqghod l-akkuzat l-iehor Vincent Camilleri.

Ghaldaqstant hija tal-fehma umli tal-appellant illi l-Ewwel Qorti kellha tistrieh fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku li hija stess inkarigat biex fost affarijiet ohra jistabilixxi minn huwa responsabbli ghall-imsemmi hsarat u x'kien qed jikkawza tali hsarat u ghalhekk kellha tillibera lill-appellant mill-akkuzi kif dedotti w ssib biss lil Vincent Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti w tordna li l-imsemmi Camilleri jeffetwa t-tiswijiet necessarji fis-saqaf in kwistjoni barra li jhallas l-ispejjez konnessi mal-kawza.

Illi inoltre, w dana minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel aggravju peress li l-appellant ihoss li huwa ghandu jkun illiberat, l-imsemmi fond jintuza biex isiru tiswijiet u "spray" ta' karozzi u l-appellant ihoss li huwa ferm difficli li t-tiswijiet necessarji fis-saqaf isiru skond kif indikat mill-Perit Mario Cassar u cioe' bili jigi ggakjat is-saqaf u jinzammu hemm mil-pilastri li ma jkunu qed jaghmlu xejn ghajr li "jillapazzaw" dak li hemm hazin u spiccut. Illi jekk isir hekk l-ghejxien tal-appellant ikun pregudikat ferm u dana minhabba xejn ghajr it-traskuragni tal-ko-akkuzat Vincent Camilleri li apparti milli ghamel il-hsarat qatt ma' ha hsieb isewwi l-hazin li ghamel. Illi jekk isiru l-pilastri fin-nofs tal-garaxx prattikament il-mittenti jkollu jaghlaq in-negozju tieghu.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza hija wahda minn sensiela ta' incidenti bejn Emanuel u Vincenzo Dimech illi jokkupaw il-fond Maxwell Garage, Naxxar Road, B'Kara w Vincent Camilleri illi jokkupa l-fond sovrastanti l-garage fuq imsemmi. Fuq in-naha ta' wara ta' l-istess garage hemm hsarat kbar fis-soqfa, fejn ix-xibka tal-konkos tidher esposta, periklu ghal min ikun qieghed jahdem fil-garage.

Saru diversi rapporti lill-Pulizija sakemm fl-ahhar harget citazzjoni wara illi l-partijiet naqsu illi jottemporaw ruhhom mal-ordni sabiex jitnehha l-periklu.

Fil-kors ta' din il-kawza gie nnominat il-Perit Mario Cassar sabiex jirrelata dwar il-hsara kif ukoll is-soluzzjoni taghha.

Il-Perit Cassar dahal fil-fond fil-kwistjoni, ddentifika l-hsara kif ukoll il-mod kif din kellha tittranga. Parti mill-inkarigu lilu moghti permezz tad-digriet tal-24 ta’ Gunju, 2008 kellu jirrelata min kellu jkun responsabbli ghal din l-istruttura perikoluza illi tfaccat fin-naha ta’ wara tal-garage. Fil-paragrafu 4 tal-konkluzzjonijiet tieghu (fol. 16) il-Perit Cassar ikkonkluda “is-sit/l-inkwilin tal-fond Maxwell Garage m’ghandu l-ebda tort fil-hsarat, u qatt ma setgha jikkaguna l-hsarat fis-saqaf tal-konkos meritu tal-kawza. Ghalhekk huwa evidenti galadarba l-hsara gejja mis-saqaf ta’ fuq il-garage, r-responsabilita’ tal-istess hija attribwieta lill-inkwilin li jokkupa l-fond sovrastanti.”

L-inkwilin illi jokkupa l-fond sovrastanti huwa Vincent Camilleri.

Ikkunsidrat :

Huwa minnu illi l-Qorti mhijiex marbuta bil-konkluzzjonijiet ta’ rapporti maghmula fuq inkarigu taghha, pero’ meta dawn ikunu ta’ natura teknika l-parir tal-Perit ma jistax jigi skartat b’mod legger u minghajr ma jinghataw ragunijiet verament serji biex dana jsir. Rapport tekniku jista’ jigi skartat biss fuq provi godda jew inkella rapport ta’ teknici ohra illi jistghu jmeru l-ewwel rapport. F’dan il-kaz ma hemm xejn minn dan u l-Qorti skartat l-opinjoni tal-espert tekniku, l-Perit Mario Cassar, sabiex sabet ukoll htija lill-appellanti Emanuel u Vincent Dimech.

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma din il-konkluzzjoni, aktar u aktar meta rrizulta li l-hsara fis-saqaf ta’ Maxwell Garage gej minhabba perikolazzjoni tal-ilma mill-fond ta’ fuq okkupat minn Vincent Camilleri illi ghandu shower, sink u toilet proprju fuq is-saqaf bil-hsara.

Ikkunsidrat :

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor il-Qorti tal-

Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha, izda jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha allura dik tkun raguni valida jekk mhux addirittura ampellenti sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni. (Il-Pulizija vs Carmelo Schembri App. Krim. 28-04-1995).

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti w tat kaz partikolari ghall-konkluzzjoni tal-Perit tekniku minnha nominat.

Ma hemmx dubju illi l-Ewwel Qorti kienet motivata minn intenzjonijiet gusti sabiex issib soluzzjoni ta’ din il-problema illi tidher illi ilha taffettwa lill-partijiet ghal snin shah u issa li l-hsara saret serja forsi dehrilha illi kellha ttemm din il-kwistjoni billi tikkundanna l-partijiet illi jaffettwaw it-tiswijiet taht is-solveljanza tal-Perit Cassar. Pero’ tajba kemm hi tajba din l-intenzjoni kulhadd huwa responsabbli ta’ ghemilhu u zgur fil-kamp kriminali hadd ma jista’ jinsab responsabbli ta’ xi haga illi ma ghamilx.

Il-konkluzzjoni tal-Perit tekniku hija wahda cara w tezimi kompletament lill-appellanti minn kull responsabilita’ ghal hsara subita fis-soqfa tal-garage taghhom.

Ma ngabet l-ebda prova la quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell il-ghala l-konkluzzjonijiet tal-Perit tekniku m’ghandhomx jigu adoperati w fil-waqt illi din il-Qorti tappella ghall-partijiet ghal buon sens u sabiex jikkoperaw sabiex il-periklu jitnehha w il-fond jittranga ma tistax, f’dan l-istadju, taqbel mall-Ewwel Qorti w issib htija mall-appellanti w ghalhekk thoss illi ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni w il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex issir gustizzja mal-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn

tirrigwarda l-appellanti Emanuel  u Vincent Dimech u tillibera liz-zewg appellanti mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------